

Brussell, 19 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12983/25

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0134 (NLE)

ACP 87
COAFR 242
COLAC 151
COASI 102
RELEX 1187

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri OSAKP-UE, il-Kunsill tal-Ministri Afrika-UE, il-Kunsill tal-Ministri Karibew-UE, il-Kunsill tal-Ministri Paċifiku-UE, il-Kumitat tal-Uffiċjali Għolja fil-Livell ta' Ambaxxaturi tal-OSAKP-UE, il-Kumitat Konġunt Afrika-UE, il-Kumitat Konġunt Karibew-UE u l-Kumitat Konġunt Paċifiku-UE fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tagħhom - Adozzjoni

1. Fil-31 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-ewwel laqgħat tal-Istituzzjonijiet Konġunti OSAKP-UE rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Istituzzjonijiet Konġunti OSAKP-UE, jiġifieri l-Kunsill tal-Ministri OSAKP-UE, il-Kunsill tal-Ministri Afrika-UE, il-Kunsill tal-Ministri Karibew-UE, il-Kunsill tal-Ministri Paċifiku-UE, il-Kumitat tal-Uffiċjali Għolja fil-Livell ta' Ambaxxaturi tal-OSAKP-UE, il-Kumitat Konġunt Afrika-UE, il-Kumitat Konġunt Karibew-UE u l-Kumitat Konġunt Paċifiku-UE (ST 10622/24 + ADD 1).
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP iddiskuta l-proposta msemija hawn fuq u laħaq qbil dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-livell tiegħu fil-4 ta' Lulju 2025.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

- jadotta l-abbozz ta' proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-ewwel laqgħat tal-Istituzzjonijiet Konġunti OSAKP-UE rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Istituzzjonijiet Konġunti OSAKP-UE, jiġifieri l-Kunsill tal-Ministri OSAKP-UE, il-Kunsill tal-Ministri Afrika-UE, il-Kunsill tal-Ministri Karibew-UE, il-Kunsill tal-Ministri Paċifiku-UE, il-Kumitat OSAKP-UE tal-Uffiċjali Għolja fil-Livell ta' Ambaxxaturi, il-Kumitat Konġunt Afrika-UE, il-Kumitat Konġunt Karibew-UE u l-Kumitat Konġunt Paċifiku-UE, kif jinsab fid-dokumenti ST 11262/25 + ADD 1, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti;
- jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
- jordna li d-deċiżjonijiet tal-Istituzzjonijiet Konġunti OSAKP-UE, jiġifieri l-Kunsill tal-Ministri OSAKP-UE, il-Kunsill tal-Ministri Afrika-UE, il-Kunsill tal-Ministri Karibew-UE, il-Kunsill tal-Ministri Paċifiku-UE, il-Kumitat tal-Uffiċjali Għolja fil-Livell ta' Ambaxxaturi tal-OSAKP-UE, il-Kumitat Konġunt Afrika-UE, il-Kumitat Konġunt Karibew-UE u l-Kumitat Konġunt Paċifiku-UE, ladarba adottati, jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali*;
- jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.